**10 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. J.A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Mohamed Khamis

*versus*

William Warrington, *Assistant Genral Manager*, għan-nom u in rappreżentanza tal-Mid-Med Bank Limited

## Mandat ta' Impediment tas-Safar - *Actio Debitor Debitoris Mei*

*Il-Qorti laqgħet talba għal revoka ta' mandat ta' impediment ta' partenza fuq il-bażi illi ma rriżultax illi l-Bank kien jista' jeżerċita l-*actio debitor debitoris mei.

Il-Qorti:-

L-attur f'din il-kawża qed jallega li, fis-6 ta' Settembru, 1984, il-konvenut *nomine* talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra l-attur (nru. 1477/84). Il-ħruġ ta' dan il-mandat intalab in kawtela ta' l-ammont ta' Lm18,394.48c, rappreżentanti ammont avvanzat mill-Mid-Med Bank Ltd. lill-kumpannija K.G.C. Shipping Co. Il-konvenut allega li l-attur huwa responsabbli għall-infieq ta' l-istess somma personalment, għar-raġuni li l-attur ma tax rendikont sodisfaċenti lill-kumpannija K.G.C. Shipping Co. Limited. L-attur jallega ukoll li hu bl-ebda mod mhu debitur tal-Mid-Med Bank Ltd. u l-konvenut qatt m'għandu azzjoni diretta kontra tiegħu u ħareġ il-mandat ta' impediment tas-safar kontra l-attur flok ma aġixxa direttament kontra d-debitur tiegħu veru u dan billi l-attur m'għandu l-ebda relazzjoni diretta mal-konvenut *nomine* u *vice versa*;

Barra minn dan l-attur jallega li l-konvenut *nomine* jaf li jeżistu garanzija personali ta' residenti Maltin kif ukoll garanzija oħra biex ikopru d-djun tal-kumpannija debitriċi K.G.C. Shipping Co. Ltd. u għalhekk il-pretensjonijiet tal-konvenut huma ġà kkawtelati u kwindi għalhekk il-kreditu tal-konvenut mhux ser jiġi eluż bis-safar ta' l-attur u l-anqas ser jiġi kkawtelat aħjar bl-istess impediment. B'hekk jiġi li l-mandat ġie maħruġ b'mod abużiv u għar-raġunijiet mhux magħrufa;

Billi l-attur kellu bżonn isiefer għalhekk kellu jistitwixxi din il-kawża;

B'nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Settembru, 1984, il-konvenut eċċepixxa: l-ewwelnett li t-talbiet attriċi huma kollha fondati fuq il-premessa illi l-Bank konvenut ma għandu l-ebda azzjoni diretta kontra l-attur. Fil-fatt l-azzjoni li ser jeżerċita l-Bank konvenut kontra l-attur hija l-*actio debitor debitoris mei* u l-Bank għandu kull dritt illi jeżerċita u illi in

kawtela tagħha l-Bank kellu kull dritt illi jottjeni l-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra l-attur, u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Fit-tieni lok il-konvenut *nomine* eċċepixxa li in kwantu t-talbiet attriċi huma fuq il-premessa li l-kreditu tal-Bank huwa diġà kkawtelat peress illi l-Bank għandu diversi garanziji li jkopruh, għandhom ukoll jiġu miċħuda. Is-soċjetà K.G.C. Shipping Co. Ltd. hija debitriċi versu l-Bank f'ammonti wisq aktar minn dawk in kwistjoni u l-uniċi żewġ garanti ta' l-imsemmija soċjetà huma debituri versu l-Bank f'isimhom proprju f'ammont ta' ċirka Lm300,000;

Fit-tielet lok ir-revoka *contrario imperio* ta' mandat kawtelatorju hija rimedju eċċezzjonali li għandu jingħata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-rimedju wieħed għandu joqgħod attent li ma jużahx b'mod li nġustament joħloq akkappatura għad-debitur filwaqt li nġustament jiddeprivi lill-kreditur mill-uniku mod li għandu kif jista' jitħallas. Il-kriterji għall-applikazzjoni *o meno* ta' dan ir-rimedju għandhom ikunu l-apparenti *prima facie bona fede* tal-kreditur u l-apparenti *prima facie* konsistenza tal-pretensjonijiet tiegħu. It-talbiet sussidjarji kontenuti fit-tielet u r-raba' talba taċ-ċitazzjoni għandhom ukoll jiġu miċħuda. L-artikolu 871 jista' jiġi applikat biss meta d-debitur "iġib raġuni tajba" għall-għoti tal-garanzija, ħaġa li l-attur naqas li jagħmel. Inoltre dan ir-rimedju ma għandux jintuża u ma jagħmilx sens kontra kreditur li hu notorjament solvibbli, bħalma huwa l-Mid-Med Bank Ltd.;

Il-konvenut William Warrington *nomine* bin-nota tiegħu ta' l-eċċezzjonijiet fil-fatt qed jeċċepixxi biss li hu kellu dritt jitlob u jottjeni l-ħruġ tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra l-attur f'din il-kawża, Mohammed Khamis. L-azzjoni li hu jippretendi li għandu kontra l-attur hija dik li hemm imsemmija fid-dispost ta' l-artikolu 1186 tal-Kodiċi Ċivili. Skond dan l-istess artikolu "kull kreditur jista', biex jitħallas ta'

dak li jkollu jieħu, jeżerċita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali. Din l-azzjoni hija msejħa ukoll l-*actio debitor debitoris mei*. Minn dan għandu jiġi mill-ewwel preżunt li d-debitur tal-konvenut *nomine*, għandu xi jeddijiet jew azzjonijiet x'jeżerċita kontra l-attur;

Għalhekk minn dan joħroġ illi l-kreditur qed jagħmel użu minn dan id-dritt mogħti lilhom fl-artikolu 1186 tal-Kodiċi Ċivili, ikunu, fil-konfront ta' din it-terza persuna qegħdin jagħmlu użu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilhom iżda jkun jappartjeni lid-debitur tagħhom. L-azzjoni għalhekk esperita minn tali kreditur tkun meħuda *in jure debitoris* u mhux *in jure suo*. Dan id-dritt mogħti lil tali kreditur jipprovdi u jpatti għal xi inattività jew ammissjoni da parti tad-debitur li jeżerċita u jesperixxi azzjoni kontra debitur tiegħu. Bid-dispost ta' l-artikolu 1186 tal-Kodiċi Ċivili l-kreditur qed jiġi protett mill-konsegwenzi tan-negliġenza tad-debitur li jaġixxi biex jiġbor krediti dovuti lilu u b'hekk inaqqas mill-garanzija tal-kreditur;

L-azzjoni għalhekk li l-kreditur qed jipprevali ruħu minnha skond l-istess artikolu mhix tiegħu proprju imma tispetta u hija tad-debitur tiegħu. Barra minn hekk id-dritt tal-kreditur versu tali terza persuna la jista' jkun iżgħar u lanqas ikun akbar mid-dritt li għandu fil-fatt id-debitur tiegħu kontra l-istess persuna. F'azzjoni simili din il-persuna tista' tissolleva u tagħti l-eċċezzjonijiet kollha li hi kienet tagħti kieku l-azzjoni kienet ġiet istitwita mill-persuna li in realtà hi kreditriċi tagħha;

Minn eżami ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* jidher ċar li d-dritt u l-azzjoni istitwita kontra Khamis minn William Warrington *nomine* hija proprju dik imsemmija fl-artikolu 1186 tal-Kodiċi. Fit-trattazzjoni orali tal-każ l-istess difensur għamilha ċara li l-każi ta' l-azzjoni hi proprju l-*actio debitor*

*debitoris mei* u din bħala distinta minn dik imsemmija fid-dispost ta' l-artikolu 1187 ta' l-istess Kodiċi - skond dan "Kull kreditur jista' ukoll f'ismu jattakka l-attijiet magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-benefiċċju ta' l-espressjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 798 sat-804 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili." Din l-azzjoni li tissejjaħ l-*actio pawliana* u taffettwa dawk l-attijiet tiegħu li bihom huwa naqqas il-proprjetà u garanzija tiegħu li tkolpi d-debitu tiegħu. F'din il-kawża ma hemm ebda allegazzjoni ta' qerq;

Għalhekk, stabbilit dan kollu dwar il-posizzjoni legali li taffettwa r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut, il-kompitu ta' din il-Qorti f'din il-kawża hu li teżamina sewwa r-relazzjoni bejn Khamis, l-attur, u d-debitur tal-konvenut *nomine* li hi s-soċjetà K.G.C. Shipping Co. Ltd. Li jrid jiġi stabbilit prinċipalment f'din il-kariga hu jekk l-attur Mohammed Khamis hux fil-fatt debitur lejn is-soċjetà fuq imsemmija jew le u x'inhi r-relazzjoni li hemm eżistenti bejn dawn iż-żewġ partijiet;

Mill-provi jirriżulta li l-attur, għad li huwa direttur tal-kumpanija K.G.C. Shipping Co. Ltd., mhux *shareholder* fl-istess kumpannija. Il-veri debituri tal-Bank konvenut huma Grech u Carabott, li huma l-proprjetarji tal-vapur in kwistjoni. Kien il-Bank li avvanzalhom il-flus biex jixtru l-vapur *de quo*. Barra minn hekk il-bank avvanzalhom flus ukoll biex dan jiġi *refitted* u jkun *seaworthy*. Aktar tard reġa' avvanzalhom flus biex jillibera lill-istess vapur minn Napoli. Il-kwistjoni tolqot il-flus li l-Bank avvanza lid-debitur tiegħu biex il-vapur ikun jista' joħroġ minn Malta bi *freights* ta' trasbord li huma kienu akkwistaw mingħand is-Sea Malta. L-istess vapur kellu jmur fis-Sudan u wara jgħaddi għas-Suez. Grech u Carabott kienu

talbu aktar flus lill-Bank biex jitħallsu d-*discharging costs* fis-Sudan u ċjoè biex dan ikun jista' jħott u jgħabbi f'dan il-Port;

Fid-diskussjonijiet li saru bejn Grech u Carabott, il-proprjetarji tal-vapur u l-Bank kien hemm preżenti wkoll l-attur li hu l-*operating manager* tal-K.G.C., li tagħha Grech u Carabott huma mhux biss diretturi, iżda huma ukoll *shareholders*, għall-finijiet fuq imsemmija;

Billi l-attur kien l-*operation manager*, il-kumpannija tat il-flus lil Khamis biex jara li l-vapur ikun jista' kemm jidħol u kemm joħroġ mill-port tas-Sudan. Khamis huwa mpjegat tal-kumpannija K.G.C. li tagħti l-istruzzjonijiet hi ta' kif kellu jonfoq il-flus li ħareġ il-Bank lilu. Il-vapur daħal u ħareġ mis-Sudan u Khamis esegwixxa l-inkariku li kellu mill-kumpannija. Huwa rrediġa *statement* ta' kif intefqu l-flus mislufa. Grech u Carabott u l-K.G.C. jinsabu sodisfatti mir-rendikont li għamel Khamis, però l-Bank konvenut ma qabilx għax, għad li jsostni li parti mill-flus intefqu tajjeb, skond il-ftehim, hu jsostni li l-parti l-oħra tal-flus ma ġewx hekk minfuqa;

Il-kwistjoni kollha però, li tinteressa lill-Qorti f'dan il-każ, hija jekk b'xi mod Khamis bl-aġir tiegħu rrenda ruħu debitur ta' Grech u Carabott jew tal-K.G.C. Skond ix-xhieda prodotti, dawn jinsabu sodisfatti li Khamis esegwixxa l-inkarigu tiegħu *ai termini* ta' kif kien ġie ordnat minnhom. L-istess Khamis xehed f'dan is-sens u anzi sostna li l-istess flus intefqu skond il-ftehim mal-Bank. B'ebda mod ma jirriżulta, kemm mix-xhieda kif ukoll mit-trattazzjoni orali tal-każ, li hemm xi allegazzjoni ta' xi *mala fede* jew ta' frodi da parti kemm ta' Grech u Carabott

jew da parti ta' Khamis;

Kwindi, għalhekk, billi l-konvenut qed jgħid li l-azzjoni esperita mhix dik tad-*debitor debitoris mei* u billi d-debitur tal-Bank konvenut m'għandu ebda azzjoni kontra l-attur f'din il-kawża, li anqas ma jirriżulta li hu b'xi mod debitur la ta' Grech u Carabott u lanqas tal-kumpannija K.G.C. Kwindi għalhekk jidher li l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut *nomine* mhix waħda valida li tista' tiġi aċċettata f'dan il-każ u għalhekk *qiegħda tiġi esperita;*

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* u billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet ta' l-attur u għalhekk tiddikjara li l-ħruġ tal-mandat ta' impediment tas-safar fl-ismijiet inversi, mandat ta' impediment tas-safar numru 1477/84, huwa illegali u abbużiv u konsegwentement tordna, *contrario imperio*, ir-revoka tiegħu;

Stante li din il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet ta' l-attur, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-3 u r-4 talba;

Bl-ispejjeż.